RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/822

tat-18 Mejju 2022

dwar it-tħaffif tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-iffaċilitar tal-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) L-enerġija rinnovabbli tinsab fil-qalba tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li l-enerġija ssir affordabbli u li titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili u l-importazzjonijiet tal-enerġija.

(2) L-enerġija rinnovabbli għandha diversi benefiċċji għaċ-ċittadini tal-Unjoni fosthom li: tikkontribwixxi għall-isforzi biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, tgħin fil-protezzjoni tal-ambjent tagħna, toħloq it-tkabbir u l-impjiegi, tikkontribwixxi għat-tmexxija teknoloġika u industrijali tal-Unjoni, u tagħmel l-ekonomija tal-Unjoni aktar reżiljenti.

(3) Is-settur tal-enerġija huwa responsabbli għal aktar minn 75 % tal-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra fl-Unjoni. Għaldaqstant hu kruċjali li nibnu u nħaddmu installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli ħalli nħaffu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u biex l-Unjoni tkun tista' tilħaq il-mira tagħha tal-enerġija rinnovabbli għall-2030 u l-mira li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jonqsu b'mill-inqas 55% sal-2030, skont ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(4) Hu kruċjali li nżidu malajr is-sehem tal-enerġija rinnovabbli ħalli nindirizzaw il-problema tal-prezzijiet għaljin tal-enerġija. Bis-saħħa tat-tnaqqis fil-kostijiet fissi u fil-kostijiet varjabbli qrib iż-żero li tipprovdilna l-enerġija rinnovabbli, il-kostijiet tal-elettriku rinnovabbli jkunu aktar stabbli u orħos minn dawk tal-fjuwils fossili. Jeħtieġ inħaffu l-varar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli ħalli l-Unjoni ssir dejjem inqas dipendenti fuq il-fjuwils fossili, speċjalment dawk importati.

(5) Kif rikonoxxut fil-Komunikazzjoni "REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli" (il-"Komunikazzjoni REPowerEU") ([2]), iż-żieda malajr tal-użu tal-enerġija rinnovabbli hija fundamentali biex titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili u biex gradwalment jispiċċa l-konsum tal-gass importat mir-Russja. Il-pjan REPowerEU kif ukoll is-Semestru Ewropew jinkludu miżuri mmirati biex dan iseħħ, u fil-kuntest tagħhom qed jiġu proposti rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi dwar il-permessi li huma mfassla apposta għaċ-ċirkostanzi tal-Istati Membri.

(6) Il-Komunikazzjoni RePowerEU introduċiet ukoll inizjattiva għal aċċelleratur tal-idroġenu li tirdoppja l-objettivi tal-2030 għall-idroġenu rinnovabbli, biex tnaqqas id-dipendenzi esterni tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili. Sabiex tipproduċi 10 Mt ta' idroġenu rinnovabbli, l-Unjoni se tkun teħtieġ 80 GW aktar fil-kapaċitajiet tal-enerġija rinnovabbli sal-2030.

(7) Il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, fil-prinċipju, jeħtieġu awtorizzazzjoni biex ikunu jistgħu jitwettqu. Il-proċeduri tal-għoti tal-permessi jgħinu biex jiġi żgurat li l-proġetti ikunu sikuri u siguri. Madankollu, il-kumplessità, il-varjetà u d-dewmien żejjed ta' dawk il-proċeduri joħolqu ostaklu ewlieni għall-varar malajr meħtieġ tal-enerġija rinnovabbli u biex ikollna sistema tal-enerġija tal-Unjoni aktar affordabbli, sigura u sostenibbli.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

([2]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sigura u sostenibbli, COM(2022) 108 final.

(8) Bid-dewmien fl-ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet tal-proġetti nirriskjaw li ma jirnexxilniex nilħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima fil-ħin u jiżdied il-kost tal-proġetti meħtieġa biex dan isir. Id-dewmien jista' jwassal ukoll biex jiġu installati installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli inqas effiċjenti peress li l-innovazzjoni hija dinamika.

(9) Dawk l-ostakli diġà ġew identifikati fid-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li talbet lill-Istati Membri jevalwaw il-proċeduri tal-għoti tal-permessi biex jitnaqqsu l-ostakli regolatorji u nonregolatorji għall-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli. Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) introduċiet rekwiżiti biex tissimplifika l-proċeduri amministrattivi għall-iżviluppaturi tal-enerġija rinnovabbli. Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) issaħħaħ dawn ir-rekwiżiti. It-traspożizzjoni sħiħa u malajr ta' dawn ir-rekwiżiti mill-Istati Membri kollha qed tgħin ħafna biex il-proċeduri amministrattivi jitqassru, u għalhekk din hija materja urġenti ħafna u tal-akbar prijorità.

(10) Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku ([6]), li jipprovdi għarfien espert imfassal apposta għat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi, inkluż dawk li jissimplifikaw il-qafas għall-proċessi tal-awtorizzazzjoni u tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u li jippromwovu l-użu ta' ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli. L-appoġġ tekniku, pereżempju, jinvolvi t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, l-armonizzazzjoni tal-oqfsa leġiżlattivi, u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki rilevanti.

(11) L-iskadenzi għall-proċess tal-għoti tal-permessi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 japplikaw, mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont il-liġi ambjentali applikabbli tal-Unjoni, għall-appelli ġudizzjarji, għar-rimedji u għal proċedimenti oħra quddiem xi qorti jew tribunal, u għall-mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, inkluż il-proċeduri tal-ilmenti, l-appelli u rimedji mhux ġudizzjarji, u jistgħu jiġu estiżi għat-tul ta' żmien ta' tali proċeduri.

(12) Fejn jidħlu l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, in-nuqqas ta' aċċettazzjoni pubblika f'ħafna Stati Membri huwa ostaklu sinifikanti ieħor għall-implimentazzjoni tagħhom. Sabiex dan jiġi indirizzat, il-ħtiġijiet u l-perspettivi taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà għandhom jitqiesu f'kull stadju tal-iżvilupp ta' proġetti rinnovabbli – mill-iżvilupp tal-politika sal-ippjanar tal-ispazju u l-iżvilupp tal-proġett – u għandhom jitħeġġu prattiki tajbin li jiżguraw distribuzzjoni ġusta tad-diversi impatti tal-installazzjonijiet fost il-popolazzjoni lokali.

(13) Fil-livell tal-Istati Membri ġew identifikati ħafna mill-ostakli relatati mal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tal-grilja relatata, u prattiki tajbin biex dawn l-ostakli jingħelbu.

(14) L-ostakli amministrattivi saru aktar rilevanti minħabba t-titjib li sar fir-rigward ta' ostakli oħra, bħall-kostijiet tat-teknoloġija, li naqsu b'mod drastiku fl-aħħar għaxar snin, jew il-kwistjonijiet ta' finanzjament, li ttaffew bit-tnaqqis fil-kostijiet u biż-żidiet fil-ftehimiet korporattivi dwar il-xiri tal-enerġija rinnovabbli.

(15) Din ir-Rakkomandazzjoni tindirizza dan it-tħassib, u tappella biex jinstabu soluzzjonijiet fi ħdan il-qafas legali eżistenti. Hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija u l-ambjent u għall-obbligi li jirriżultaw minnu. Ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju wkoll għar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 101, 102 u 106 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni fl-infurzar tar-regoli dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni.

(16) Flimkien ma' din ir-Rakkomandazzjoni, ġiet adottata proposta leġiżlattiva biex temenda u ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/2001 relatati mal-proċeduri amministrattivi. Il-varar malajr tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli huwa urġenti, u għalhekk l-Istati Membri għandhom jibdew jidentifikaw, malajr kemm jista' jkun, iż-żoni adattati fuq l-art u fuq il-baħar, u jħejju pjanijiet għaż-żoni partikolarment adattati ("żoni ta' referenza għas-sorsi rinnovabbli"), f'konformità mal-Artikolu 15b tal-proposta għal emenda tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-permessi.

([3]) Id-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni tal-elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-suq intern tal-elettriku (ĠU L 283, tas-27.10.2001, p. 33).

([4]) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

([5]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.22021, p. 1).

(17) L-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu huwa għodda ewlenija biex jiġu identifikati żoni futuri għall-varar tal-enerġija rinnovabbli u biex jiġu ffaċilitati l-bosta użi tal-ispazju marittimu, inkluż il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. Skont id-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu ([7]), l-Istati Membri jeħtieġ jadottaw il-pjanijiet nazzjonali tal-ispazju marittimu tagħhom sal-31 ta' Marzu 2021. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma implimentawx bis-sħiħ id-Direttiva dwar l-MSP biex jistabbilixxu u jadottaw il-pjan nazzjonali tagħhom ([8]).

(18) L-ostakli li joħolqu l-proċeduri tal-permessi jistgħu jaffettwaw ukoll il-varar futur ta' teknoloġiji innovattivi b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni meħtieġa għan-newtralità klimatika. It-twaqqif ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, jiġifieri l-ittestjar f'ambjent reali, ta' teknoloġiji, prodotti, servizzi jew approċċi innovattivi, li mhumiex konformi għalkollox mal-qafas legali u regolatorju eżistenti, jista' jappoġġa l-innovazzjoni u jiffaċilita l-adattament sussegwenti tal-ambjent regolatorju biex ikun jista' jakkomodahom.

(19) L-iżvilupp tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli ffinanzjati parzjalment jew kompletament bi ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri tal-enerġija se jgħin biex jitħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Il-ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri tal-enerġija jipprovdu wkoll benefiċċji diretti lill-konsumaturi finali, inkluż li jipprovdu prezz tal-enerġija kompetittiv u prevedibbli, u jikkontribwixxu għall-aġenda tar-responsabbiltà soċjali korporattiva tal-kumpaniji fl-Unjoni.

(20) Minkejja li fl-aħħar ħames snin żdiedu kull sena l-ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri tal-enerġija, il-persentaġġ tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli ffinanzjati direttament mill-partijiet xerrejja f'dawn il-ftehimiet korporattivi huwa biss bejn 15% u 20% tas-suq annwali. F'ċerti Stati Membri, l-użu tal-ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri tal-enerġija huwa limitat prinċipalment ukoll għall-elettriku bħala vettur tal-enerġija, u għal kumpaniji multinazzjonali kbar li jirrelataw mal-konsumatur.

(21) Flimkien ma' din ir-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni, permezz tal-Laboratorju Ġeografiku tal-Enerġija u l-Industrija ([9]) (EIGL), qed tipprovdi settijiet tad-*data* kkonsolidati b'mod diġitali dwar firxa wiesgħa ta' fatturi ambjentali u tal-enerġija rilevanti, biex tgħin lill-Istati Membri jidentifikaw iż-"żoni ta' referenza" għall-varar malajr ta' proġetti ġodda tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni beħsiebha tkompli tiżviluppa din l-għodda tal-immappjar billi tinkorpora settijiet tad-*data* u links addizzjonali fl-għodod tal-ippjanar tal-ispazju diġitali tal-Istati Membri.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

DEFINIZZJONI

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni u l-gwida ta' akkumpanjament, huwa mifhum li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli jinkludu l-impjanti tal-produzzjoni għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli kif definit fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (inkluż fil-forma ta' idroġenu rinnovabbli), kif ukoll l-assi meħtieġa għall-konnessjoni tagħhom mal-grilja u għall-ħżin tal-enerġija prodotta.

PROĊEDURI IQSAR U AKTAR MALAJRRAPIDI

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-impjanti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, il-konnessjoni tagħhom mal-grilja tal-elettriku, tal-gass u tas-sħana u mal-grilja relatata stess, flimkien mal-assi tal-ħżin jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-aktar proċedura favorevoli disponibbli fil-proċeduri tal-ippjanar u tal-għoti tal-permessi tagħhom, u li dawn ikunu jitqiesu li huma fl-interess pubbliku prevalenti u fl-interess tas-sikurezza pubblika, fid-dawl tal-proposta leġiżlattiva li temenda u ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/2001 relatata mal-proċeduri amministrattivi u li hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skadenzi definiti sew, imħaffa u qosra kemm jista' jkun għall-passi kollha meħtieġa biex jingħataw il-permessi għall-bini u t-tħaddim tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jispeċifikaw il-każijiet meta dawn l-iskadenzi jistgħu jiġu estiżi u f'liema ċirkostanzi. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu

([7]) Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135).

([8]) Ara r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-MSP, COM(2022) 185 tat-3 ta' Mejju 2022.

([9]) https://energy-industry-geolab.jrc.ec.europa.eu/

skadenzi massimi vinkolanti għall-istadji rilevanti kollha tal-proċedura tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. It-tul tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-installazzjoni tat-tagħmir tal-enerġija solari fi strutturi artifiċjali għandu jkun limitat għal mhux aktar minn tliet xhur.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu perjodi ta' żmien u regoli proċedurali speċifiċi bil-għan li jiżguraw l-effiċjenza tal-proċedimenti legali relatati mal-aċċess għall-ġustizzja għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

5. L-Istati Membri għandhom joħolqu proċess ta' applikazzjoni solidu u uniku għall-proċess amministrattiv kollu tal-applikazzjoni u tal-għoti tal-permessi. L-applikazzjonijiet simultanji għandhom jingħataw prijorità fuq l-applikazzjonijiet sekwenzjali jekk ikunu meħtieġa awtorizzazzjonijiet differenti, inkluż għall-proġetti tal-grilja relatati.

6. L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-applikanti jaġġornaw l-ispeċifikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-proġetti tagħhom fiż-żmien bejn l-applikazzjoni għall-permess u l-kostruzzjoni tal-proġetti biex jiffaċilitaw l-użu tat-teknoloġiji innovattivi.

7. Meta jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iħaddmu l-prattiki deskritti fil-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tal-gwida fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

NIFFAĊILITAW IL-PARTEĊIPAZZJONI TAĊ-ĊITTADINI U TAL-KOMUNITÀ

8. L-Istati Membri għandhom jistimulaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, inkluż ta' dawk li ġejjin minn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, u tal-komunitajiet tal-enerġija fil-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jieħdu miżuri biex iħeġġu t-trasferiment tal-benefiċċji tat-tranżizzjoni tal-enerġija lill-komunitajiet lokali u b'hekk jissaħħu l-aċċettazzjoni u l-involviment tal-pubbliku.

9. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw proċeduri tal-għoti tal-permessi simplifikati għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, inkluż biex l-impjanti li huma proprjetà tal-komunità jiġu konnessi mal-grilja u biex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-proċeduri u r-rekwiżiti tal-liċenzjar tal-produzzjoni, inkluż għall-awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli.

10. Meta jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iħaddmu l-prattiki deskritti fil-Kapitolu I, it-Taqsimiet 5(c) u 6(a) tal-gwida fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

INTEJBU L-KOORDINAZZJONI INTERNA

11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-simplifikazzjoni u l-koordinazzjoni effettiva bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u muniċipali rigward ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll il-leġiżlazzjoni applikabbli, ir-regolamenti u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

12. L-Istati Membri għandhom ifasslu punt uniku ta' servizz għall-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli meħtieġa skont id-Direttiva (UE) 2018/2001, b'tali mod li jillimitaw l-għadd ta' awtoritajiet involuti skont dak li hu meħtieġ u jimmassimizzaw l-effiċjenza, filwaqt li jqisu r-riżorsi pubbliċi u l-benefiċċji li l-għarfien espert teknoloġiku, ambjentali u legali jiġi kkonċentrat.

13. L-Istati Membri għandhom jintroduċu regoli biex meta l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti jonqsu milli jwieġbu sal-iskadenzi stabbiliti, talba partikolari tiġi aċċettata fl-istadju rilevanti ta' proċedura tal-għoti tal-permessi għall-proġetti rinnovabbli (l-hekk imsejjaħ "fehim amministrattiv taċitu"), sakemm it-tweġiba tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti ma tkunx meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali.

14. Meta jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iħaddmu l-prattiki deskritti fil-Kapitolu I, it-Taqsima 3 tal-gwida fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

PROĊEDURI ĊARI U DIĠITALIZZATI

15. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw informazzjoni ċara, kompluta u trasparenti lill-applikanti dwar ir-rekwiżiti u l-istadji proċedurali kollha, inkluż il-proċeduri tal-ilmenti, fil-bidu tal-proċedura tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

16. L-Istati Membri għandhom jintroduċu proċeduri tal-għoti tal-permessi kompletament diġitali u komunikazzjoni elettronika biex l-użu tal-karti jiġi sostitwit. L-informazzjoni rilevanti għandha tkun disponibbli b'post ċentrali għall-iżviluppaturi tal-proġetti bħala parti minn manwal online tal-proċeduri, li jinkludi mudelli għall-applikazzjonijiet, studji u *data* ambjentali, kif ukoll informazzjoni dwar alternattivi għall-parteċipazzjoni pubblika u l-imposti amministrattivi.

17. Meta jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iħaddmu l-prattiki deskritti fil-Kapitolu I, it-Taqsima 3 tal-gwida fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

RIŻORSI UMANI U ĦILIET SUFFIĊJENTI

18. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-għoti tal-permessi u l-awtoritajiet tal-valutazzjoni ambjentali tagħhom, ikollhom persunal suffiċjenti u adegwat, bil-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti.

19. L-Istati Membri għandhom jaħtfu l-opportunitajiet ta' finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni disponibbli għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid, b'mod partikolari fil-livell reġjonali u lokali, u jikkunsidraw li jwaqqfu Alleanza għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet biex inaqqsu d-diskrepanza fil-ħiliet tal-persunal li jaħdem fuq il-proċeduri tal-għoti tal-permessi u fuq il-valutazzjonijiet ambjentali.

20. Meta jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iħaddmu l-prattiki deskritti fil-Kapitolu I, it-Taqsima 4 tal-gwida fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

IDENTIFIKAZZJONI U PPJANAR AĦJAR TAL-POSTIJIET GĦALL-PROĠETTI

21. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw malajr iż-żoni fuq l-art u fuq il-baħar li huma adattati għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, b'mod proporzjonat mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima u mal-kontribut tagħhom għall-ilħuq tal-mira riveduta tal-enerġija rinnovabbli għall-2030. Bħala parti minn dan il-proċess tal-immappjar, iż-żoni limitati u definiti b'mod ċar għandhom jiġu dežinjati bħala partikolarment adattati għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli (żoni ta' referenza għas-sorsi rinnovabbli), filwaqt li jiġu evitati kemm jista' jkun iż-żoni ta' valur ambjentali u tingħata prijorità, *inter alia*, lill-art degradata li ma tistax tintuża għall-agrikoltura. Għal dan il-għan, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw is-settijiet tad-*data* disponibbli fil-Laboratorju Ġeografiku tal-Enerġija u l-Industrija ([10]) ("EIGL").

22. L-Istati Membri għandhom jillimitaw kemm jista' jkun iż-"żoni ta' esklużjoni", fejn l-enerġija rinnovabbli ma tistax tiġi żviluppata. Għandhom jipprovdu informazzjoni ċara u trasparenti u jagħtu ġustifikazzjoni motivata dwar ir-restrizzjonijiet relatati mad-distanza miż-żoni residenzjali jew miż-żoni militari jew tal-avjazzjoni ċivili. Ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza u mfassla b'tali mod li jissodisfaw l-għan maħsub tagħhom, filwaqt li jimmassimizzaw id-disponibbiltà tal-ispazju għall-iżvilupp tal-proġetti, b'kont meħud ta' restrizzjonijiet oħra fuq l-ippjanar tal-ispazju.

23. L-Istati Membri għandhom jissimplifikaw, sa fejn ikun legalment possibbli, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, billi japplikaw il-gwida teknika disponibbli dwar ir-rikonċiljazzjoni tal-varar tal-enerġija rinnovabbli u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, u jintegraw il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali ma' valutazzjonijiet ambjentali applikabbli oħra fi proċedura konġunta. L-Istati Membri għandhom jużaw it-tfassil tal-ambitu ([11]) b'mod sistematiku jew jagħmluh obbligatorju biex itejbu l-kwalità tal-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

([10]) https://ec.europa.eu/energy-industry-geography-lab

([11]) It-tfassil tal-ambitu jfisser li tinħareġ opinjoni dwar il-firxa u l-livell tad-dettall tal-informazzjoni ambjentali li trid tiġi sottomessa fil-forma ta' rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

24. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qtil jew id-disturb ta' kampjuni individwali ta' għasafar selvaġġi u speċijiet protetti elenkati skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([12]) ma jkunx ostaklu għall-iżvilupp tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, billi jirrikjedu li tali proġetti jintegraw, kif xieraq, il-miżuri ta' mitigazzjoni biex kemm jista' jkun biex jipprevjenu b'mod effettiv il-qtil jew id-disturb, billi jimmonitorjaw l-effettività tal-miżuri u, fid-dawl tal-informazzjoni miksuba mill-monitoraġġ, jieħdu aktar miżuri kif meħtieġ biex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq il-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernata. Jekk dan iseħħ, il-qtil jew id-disturb inċidentali ta' kampjuni individwali ma għandux jitqies bħala intenzjonat u għalhekk ma għandux jaqa' taħt l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 92/43/KE jew taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]).

25. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-involviment bikri tal-pubbliku fl-ippjanar tal-ispazju, jippromwovu d-diversi użi tas-siti u jiżguraw it-trasparenza dwar fejn u kif jistgħu jinbnew jew jiġu installati l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-installazzjonijiet fuq skala żgħira fil-livell muniċipali. L-Istati Membri għandhom iwettqu ppjanar ikkoordinat tal-grilji u tal-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-livelli kollha, inkluż fil-kuntest tal-kooperazzjoni reġjonali.

26. Meta jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iħaddmu l-prattiki deskritti fil-Kapitolu I, it-Taqsima 5 tal-gwida fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

KONNESSJONI TAL-GRILJA AKTAR FAĊLI

27. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ippjanar tal-grilja fit-tul u investiment li jkun konsistenti mal-espansjoni ppjanata tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, b'kont meħud tad-domanda futura u tal-objettiv tan-newtralità klimatika.

28. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri simplifikati għar-repowering tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli eżistenti, inkluż proċeduri simplifikati għall-valutazzjonijiet ambjentali, u jadottaw proċedura ta' notifika sempliċi għall-konnessjonijiet tal-grilja tagħhom fejn ma jkun mistenni l-ebda impatt ambjentali jew soċjali negattiv sinifikanti.

29. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi: (i) japplikaw proċedura trasparenti u diġitali għall-applikazzjonijiet tal-konnessjoni tal-grilja; (ii) jipprovdu l-informazzjoni dwar il-kapaċitajiet tal-grilja; u (iii) jottimizzaw l-użu tal-kapaċità tal-grilja billi jippermettu li din tintuża mill-impjanti tal-enerġija li jikkombinaw diversi teknoloġiji kumplimentari.

30. L-Istati Membri għandhom jipprovdu ċertezza legali biex il-pipelines tal-gass naturali jsiru adattati għall-idroġenu billi jiddikjaraw biċ-ċar liema awtorizzazzjonijiet se jkunu meħtieġa u jippermettu l-anterjorità tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti tagħhom.

31. Meta jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iħaddmu l-prattiki deskritti fil-Kapitolu I, it-Taqsima 6 tal-gwida fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

PROĠETTI INNOVATTIVI

32. L-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji biex jagħtu eżenzjonijiet mmirati mill-qafas leġiżlattiv jew regolatorju nazzjonali, reġjonali jew lokali lil teknoloġiji, prodotti, servizzi jew approċċi innovattivi, biex jiffaċilitaw l-għoti tal-permessi b'appoġġ għall-varar u l-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin, u teknoloġiji oħra tad-dekarbonizzazzjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

([12]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

([13]) Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

NIFFAĊILITAW IL-FTEHIMIET DWAR IX-XIRI TAL-ENERĠIJA

33. L-Istati Membri għandhom ineħħu malajr kull ostaklu għas-suq jew amministrattiv mhux ġustifikat għall-ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari biex iħaffu l-użu tal-ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli mill-intrapriżi żgħar u medji.

34. L-Istati Membri għandhom ifasslu, jiskedaw u jimplimentaw skemi ta' sostenn – u garanziji tal-oriġini – b'tali mod li jkunu kompatibbli mal-ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jikkumplimentawhom u jippermettuhom.

35. Meta jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jiħaddmu l-prattiki deskritti fil-Kapitolu II tal-gwida fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

MONITORAĠĠ, RAPPORTAR U RIEŻAMI

36. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt inkarigat mill-monitoraġġ regolari tal-konġestjonijiet ewlenin fil-proċess tal-għoti tal-permessi u li jindirizza l-kwistjonijiet li jiffaċċjaw l-iżviluppaturi tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

37. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, kull sentejn minn Marzu 2023, l-informazzjoni dettaljata kollha disponibbli dwar l-istat tal-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima li jridu jiġu sottomessi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]).

38. Il-Kummissjoni se tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni sentejn wara l-adozzjoni tagħha u tivvaluta jekk humiex meħtieġa aktar miżuri, b'kont meħud tal-informazzjoni sottomessa mill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Kadri SIMSON
Membru tal-Kummissjoni

([14]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).